**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-4 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 905/2015

Numru fuq il-Lista: 6

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs.**

**James O'Connell Plunket De Piro** K.I. 163202(L)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tmien mija u tlieta u ħamsin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€853.43), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni u prodotti bl-akkont

numru 1.10983242, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut abbażi tat-tariffa ‘Prm Con-TYHTA’.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma tmien mija u tlieta u ħamsin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€853.43), bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 ta’ Novembru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur